KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGHAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGHA NUMRU 16

Is-sittax il laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet il-Ħamis 28 ta' Novembru 2013 fis-6.15pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kristian Busietta | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar | Kunsillier |
| | Antoinette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistant Principal |
| **SKUŻAT** | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **ASSENTI** | Nicolai Gauci | Kunsillier |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Materji konnessi mal-Minuti*
3. *Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
4. *Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati*
5. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
6. *Aġġornament*

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 14_31/10/2013 għall-

approvazzjoni.

1.2 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irreferiet għall-punt 2.3 u infurmat li hi u l-Kunsilliera M. Aquilina riedu wkoll li jkunu membri fil-bord dwar il-monument ta' Tony Nichol. *Korezzjonijiet*

1.3 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għall-punt 4.9 dwar il-memo tal-ambaxxatur taz-zaghzagh u qal li jaqbel mal-inizjattiva pero mhux mal-proċess daqshekk mgħaġġel u kellhu jkun hemm aktar konsultazzjoni.

1.4 Fuq dan il-punt is-Sindku nforma li l-Kunsill kiteb lil klabbs socjali fil-lokal iżda ħadd m'għadu tagħna risposta.

1.5 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera ghall-punt 5.4 u talab li titneħħa l-frażi meta 'informa li fi Triq Depiro l-marki telqu wara ġimgħatejn' ghaliex kienu għadhom ma sarux sa dakinhar.

1.6 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għall punt 5.10 u qal li jaqbel li jitneħħa t-turf għaliex iz-zamma tieghu mhix sostenibbli

1.7 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera ghall-punt 5.12 u informa li kien qal ukoll 'li għandna nikkonsultaw ma' esperti f'dan il-qasam'.

1.8 Is-Sindku rrefera għall-punt 4.8 dwar Dar il-Kaptan. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien qabel li jmorru jżuru Dar il-Kaptan.

1.9 Is-Sindku ressaq l-minuti 14_31/10/2013 hekk kif koretti. Il-Kunsilliera V. Galea Pace issekondat. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu. *Approvazzjoni tal-minuti 14_31/10/2013*

1.10 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 15_8/11/2013. Il-Kunsillier M. Briguglio issekonda. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu. *Approvazzjoni tal-minuti 15_8/11/2013*

## 2. MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI

2.1 Il-Kunsilliera V. Galea Pace saqsiet dwar it-tender tal-*contracts manager*. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-*contracts* manager beda jittratta l-kuntratti wieħed, wieħed, u beda b'dak tal-ELC, l-iskart, knis, u qiegħed jagħmel rapporti u jħoss li għall-ewwel tlett ġimgħat mexjin tajjeb. *Contracts Manager*

2.2 Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li meta kienet niżżlet Ġnien Indipendenza ratu li mhux qiegħed miżmum sew. Is-Segretarju Eżekuttiv talab li tindikalu għaliex meta mar jiċċekja ma sab xejn barra mill-ordinarju.

2.3 Il-Kunsilliera V. Galea Pace saqsiet fuq punt 2.8 dwar l-appell tal-iskart u rreferiet għall-punt li kien qal il-Kunsillier P. Radmilli jekk hemmx soluzzjoni oħra li l-Kunsill għandu jibqa ma dan l-istess kuntrattur li qiegħed jappella. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-parir legali kien li l-Kunsill irid jibqa kif inhu ghalissa. Fuq nota oħra, l-Kunsill Lokali daħħal ir-risposta tiegħu il-Qorti għall-appell.

2.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li se toħroġ call for quotation għaż-żebgħa u se nitolbu *samples.*

2.5 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa jekk il-Kunsill għandux garanzija dwar iż-żebgħa tal-Koptasin. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li m'hemmx ħlief jekk ikun hemm tarmac ġdid.

2.6 Il-Kunsilliera V. Galea Pace saqsiet jekk kienx hemm risposta dwar il-manutenzjoni ta' Ġnien Bonello Dupuis . Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li kien saqsa jekk il-Kunsilliera jistgħux jsaqqsu għall-għajnuna b'mod individwali li l-manutenzjoni ma tibqax f'idejna minħabba li jirrikjedi ħafna spejjes, liema spejjes gew imposti fuqna.

2.7 Il-Kunsilliera L. Cassar saqsiet jistax isir turf artifiċjali. Kien hemm min ma qabilx għaliex jidher ikrah.

2.8 Il-Kunsillier M. Briguglio qal li l-Gvern mhux x'se jżid l-allokazzjoni lil dan il-Kunsill biss għax zgur ghandu talbiet bhal dawn minn diversi Kunsilli. Żied jgħid li aktar m'hu l-Kunsill se jdum biex jieħu deċiżjoni aktar se jkomplu jiżdiedu l-ispejjes.

2.9 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li taħt it-turf hemm ramel mhux ħamrija, b'hekk il-proċess ikollu jibda mil-bidu.

2.10 Il-Viċi Sindku saqsa jekk l-ilma jistax jinġieb minn gwiebi ohra f'Tas-Sliema. Is-Sindku qal li meta kien iċċekja ġie infurmat li hemm spiża kbira minħabba li hemm bżonn ta' kwantita ta' ilma biex jiġi miżmum t-turf. Il-Kunsillier M. Briguglio fakkar li kellna nsaqsu għall-esperti. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill kellu laqgħa ma min kien għamel il-Ġnien u qegħdin nistennew il-pjanti. Xorta jibqa il-punt, fakkar is-Segretarju, illi l-gwiebi jkunu mimlija fix-xitwa biss u mhux fis-sajf meta issir l-ikbar uzu ta' ilma ghat-tisqija.

2.11 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kull ma hemm żewġ options, jew jitneħħa t-turf u jieħu ħsiebu l-Kunsill jew jsir manutenzjoni u jithallas minn ħaddieħor.

2.12 Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li minn qabel ma sar il-Ġnien kienet tkellmet dwar id-diffikultajiet li setgħu jinqalghu.

2.13 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-ahjar *option* hi li l-Kunsill jitlob li jerġa jiġi miżmum mill-Gvern. Fin-nuqqas ta' dan, l-unika option huwa li jinghataw aktar flus lill-Kunsill u jinhareg tender specifiku ghal manutenzjoni ta' dan il-gnien.

2.14 Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jipprepara l-options kollha kif dan il-Ġnien jista jiġi miżmum. Is-Segretarju Eżekuttiv jista jgħin f'*Cost Benefit Analysis.* Il-Kunsill jara wkoll kif jista jiġi msaqqi jekk hux bil-bowser jew bil-meter.

2.15 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill għandu jipprova jghamel laqghat ma' Ministeri fuq din il-problema.

2.16 Is-Sindku qal li għandna nistaqsu esperti għal *options* varji u għal reverse osmosis u tittella' Agenda item.

2.17 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irreferiet għal *play equipment* li hemm taħt Peppi's u annimali mhux kompluti u l-periklu fil-*monkey bars*. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-*monkey bars* tneħħew u issa jitneħħew l-annimali. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li t-tender għal *Play Equipment* hareġ.

2.18 Il-Viċi Sindku qal li meta jsiru bandli ġodda hemm bżonn li jitwaħħlu cameras.

2.19 Dwar il-minuti tat-tiżjin tal-Milied is-Sindku informa li hemm l-parti tax-Xatt li mhux skont l-*ispecifications*. Il-Kunsill se jiltaqa mal-inginjier. Il-Kunsill ġie infurmat li kien hemm tgergir ukoll minn *Sliema Business Community* għaliex ix-Xatt ma jidhirx li hemm tiżjin adattat.

2.20 Is-Sindku u l-Kunsillier J. Pillow qalu li l-kuntrattur tax-Xatt ma ghamilx il-fustun kullimkien. Ġie diskuss jekk il-Kunsill għandux jaqbel li ma jitħallsux qabel ma jagħmlu kollox.

2.21 Is-Sindku ppropona li jekk l-engineer jara li kien hemm min naqas mill-ispecifications tat-tender nipprovaw nirrimedjaw u jitħallas ta' li għamel u jitnaqqas b'mod proporzjonali.

2.22 Il-Kunsilliera L. Cassar u V. Galea Pace qablu li min naqas jiġi mmultat għax ma jkunx żejjen kif talab il-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jimxi kif titlob it-tender.

2.23 Is-Sindku qal li l-Kunsill irid jirrimedja b'xi mod għaliex hemm wisq postijiet li m'ghandhomx tiżjin.

2.24 Is-Sindku informa li l-Kunsill irċieva talba li l-*fairy lights* li se jintramaw fil-gnien tax-Xatt minn *Sliema Business Community* jibqgħu mixgħula matul is-sena kollha. Il-Kunsill ma qabilx ghaliex tkun isbaħ għal Milied biss.

2.25 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li *Sliema Business Community* se jagħmlu attivitajiet ghal Milied u qegħdin jitolbu li jieħdu d-dawl minn tal-Kunsill. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni.

2.26 Kien hemm qbil ukoll li jittieħed id-dawl ukoll għall-attivitajiet oħra b'risq il-karita fosthom ta' *Puttinu Cares*, l-Kulegg ITS fi Pjazza Sant'Anna. Il-Kunsill ġie infurmat li se jkun hemm presepju wkoll minn studenti ta' St Joseph School u sigra tal-Milied kbira tal-*Imdina Glass*. Il-Kunsillier J. Pillow qal li l-Kunsill għandu jara li jibqa spazzju adekwat fil-Pjazza. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li se jkun hemm u ha ħsieb li l-ħwienet ma ntellfuhomx.

2.27 Is-Sindku informa li se jkun hemm attivita fit-8 ta' Diċembru fi Pjazza Sant'Anna minn Nisa PN. Kien hemm qbil li għall-ativitijiet politiċi kollha iridu jiġu jitlobu permess iżda ma jintalabx ħlas.

## 3. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI U TAL-KONTIJIET

3.1 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-pagament tal-Cleansing Department

dwar il-Latrini għaliex qal li irċieva diversi ilmenti dwar il-latrina ta' Ġnien Indipendenza li qed tkun magħluqa. Kien hemm qbil li jinżamm l-aħħar pagament relatat mal-latrini pubbliċi.

3.2 Il-Kunsilliera M. Aquilina irreferiet li parti mill-latrina ta' taħt it-Torri qegħda tinżamm magħluqa min tar-*restaurant* tat-Torri biċ-ċavetta u wieħed irrid imur jistaqsi biex imur il-latrina. Il-Kunsillier J. Pillow qal ukoll li d-dawl qiegħed jibqa mixgħul matul il-lejl kollu. Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lid-Dipartiment tal-Artijiet dwar dan. Il-Kunsillier M. Briguglio żied jgħid li huwa importanti li dan ma jibqax biċ-ċavetta għaliex persuna b'diżabilita ma tkunx tista tidħol. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li importanti li l-Kunsill jitlob li dan issir pubbliku. Il-Kunsill reġa sostna li l-pagament tal-latrini jinżamm *on hold* sakemm jirranġaw.

3.3 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-pagamenti tal-GO u saqsa jekk il-Kunsill jistax jitlob biex joffrulna aktar WI FI areas f'Tas-Sliema. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jiċċekkja.

*Il-Kunsilliera L. Cassar ġiet skużata li titlaq mis-seduta fis-7.30*

3.4 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-pagament tal-ARMS dwar il-funtani tax-Xatt u ġie nnotat li l-ħlas huwa tal-kera.

3.5 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irreferiet għall-pagament numru 26 f'isem Saviour Galea u ingħatat deskrizzjoni sħiħa tat-tindif li sar madwar il-*bring in sites*.

3.6 Il-Kunsillier J. Pillow fakkar dwar il-gaġeġ tal-ħamiem biex jitpoġġew.

3.7 Il-Kunsilliera V. Galea Pace saqsiet dwar il-pagament lill-Alberta dwar *Time Attendance Terminal*. Ġiet infurmata li dan huwa l-*punch clock*.

3.8 Il-Kunsilliera V. Galea Pace saqsiet dwar il-banner. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li din hija tal-SSAF.

3.9 Il-Kunsilliera V. Galea Pace saqsiet dwar il-pagament tal-SRF. Is-Sindku informa li kien hemm xogħol urġenti għaliex kien hemm ħafna ħmieġ madwar Tas-Sliema wara li t as-CSD kienu waqqfu mill-kuntratt.

3.10 Is-Sindku ppropona li jiġu approvati l-pagamenti kollha (minbarra tal-latrini). Il-Viċi Sindku issekonda. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

## 4. RAPPORTI MILL-KUMITATI U SOTTO KUMITATI

4.1 Is-Sindku rrefera għad-deċiżjoni li kienet ittieħdet dwar li l-Kunsilliera jmorru u jwaħħlu posters dwar il-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart fl-appartamenti f'Tas-Sliema. Is-Sindku qal li ma kienx hemm presenza tal-kunsilliera ħlief għal Kunsillier J. Pillow, P. Radmilli u l-Viċi Sindku. Is-Sindku nnota wkoll li *Tqassim ta' posters – Ħinijiet tal-ġbir tal-iskart*

l-ħin li kienu qegħdin iduru kien qiegħed tard u ħafna mir-residenti ma jifħux il-bibien dawk il-ħinijiet. Is-Sindku qal li jixtieq li jiddedika ftit ħin filgħodu u min jixtieq li jgħin għandu jagħmel dan. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li se tgħin.

4.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jitlob għad-*demarcation line* ta' Tigne firrigward tat-*tall building* policy tal-MEPA. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li l-Kunsill għandu jerġa jibgħat 'No Objection' u l-lista ta' raġunijiet għaliex il-Kunsill qiegħed joġġezzjona.

4.3 Is-Sindku informa dwar iż-żjara li għamlu f'Dar il-Kaptan u qal li hemm isir ħafna xogħol għal persuni bi bżonnijiet speċjali. Is-Sindku qal li meta marru ġew infurmati li hemmhekk jistgħu jiġu organizzati xi ikliet għal żmien tal-Milied. Il-Kunsill qabel li din is-sena l-Kunsill għandu jorganizza *lunch* hemmhekk fl-istess ħin ikun qiegħed jgħin ftit. Il-Kunsill għandu jġib kwotazzjonijiet. *Dar il-Kaptan*

4.4 Il-Viċi Sindku saqsa dwar it-*traffic junction* fi Triq it-Torri (fejn Peppi). Is-Sindku informa li l-Kunsill kellu laqgħa u qegħdin nistennew il-pjanti *to scale* mill-perit. *Traffic Junction – Triq it-Torri*

4.5 Is-Sindku informa li l-Kunsill talab għall-approvazzjoni finali tal-*one way system* fi Triq il-Kbira minn Transport Malta.

4.6 Il-Viċi Sindku qal li hemm bżonn li dik il-biċċa li hemm tal-Lukanda 'The Palace' (*Loading/Unloading*) terġa tiġi bankina lura għan-nies u jsir il-parking kif kien qabel. Il-Kunsill għandu jara d-dokumenti ta' dan il-każ għaliex kien hemm każ fil-passat. *Loading/Unloading fi Triq il-Kbira*

4.7 Il-Viċi Sindku talab laqgħa urġenti mal-pulizija għaliex il-Kunsill ilu jirraporta għal żmien twil it-trakkijiet tal-ħaxix li qiegħed ikun hemm fi Triq Dingli Circus u l-iskart li qiegħed iħallu kuljum.

4.8 Is-Sindku informa li Dott. Marc Sant tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali jixtieq jiltaqa mal-Kunsilli u l-appuntament tagħna ingħata għal nhar it-Tnejn. Is-Sindku u l-Kunsilliera M. Aquilina u J. Pillow se jattendu għal din il-laqgħa. *Laqgħa mal-AKL*

4.9 Is-Sindku informa li fi Triq it-Torri (in-naħa ta' fuq Bisazza) m'hemmx tiżjin. Ġie nnnotat li din l-area ma kinitx covered fit-tender u l-anqas f'tas-sena l-oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li hu diġa talab għal kwotazzjoni u l-Kunsill ġie mitlub Ewro 3,500. Il-Kunsill qabel li jkun aħjar aktar jekk jixtri t-tiżjin hu u b'hekk l-Kunsill jibda jkollu t-tiżjin. Il-Kunsill qabel li għall-bidu tas-sena d-dieħla jibda jixtri ftit ftit. Kien hemm qbil li rope lights ikunu LED's *Tiżjin tal-Milied*

4.10 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għat-tabelli li twaħħlu dwar ir-roti. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li l-Kunsill għandu jirranġa t-tabelli skont il-liġi għaliex kif inhi l-anqas tfal ma jistgħu jużaw ir-rota apparti li l-liġi tgħid li wieħed jista jsuq mhux iktar minn madwar 6km/hr. Kien hemm qbil li l- *l-użu tar-roti mal-promenade*

Kunsill jnizzel il-liġi u jimxi magħha.

4.11 Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa dwar is-survey tal-underwater. Il-Kunsill għandu jmexxi bil-kwotazzjoni — *Survey underwater*

6. **SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA**

6.1 Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa jekk Triq San Nikola tistax issir one way għal Triq Santa Marija. Ġie infurmat li l-Kunsill kien talab u ma ngħatax il-permess. Il-Kunsill għandu jerġa jsaqsi lit-TM. — *Trqi San Nikola – One Way*

6.2 Il-Viċi Sindku issuġġerixxa tistax tissejjaħ expression of interest għal servizz ta' taxi elettonika u fl-istess tkun forma ta' dħul għal Kunsill. Is-Servizz għandu jkun għal Tas-Sliema biss. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li jrid jintalab permess mill-Ministeru tal-Finanzi għal *Public Private Partnership*. Kien hemm qbil li jinbeda l-proċess. — *Taxi Elettronika f'Tas-Sliema*

7. **AĠĠORNAMENT**

7.1 Il-laqgħa ntemmet fid-20.30 u l-Kunsill aġġorna għal nhar l-Erbgħa 11 ta' Diċembru 2013 fis-6pm.

Minuti approvati llum 11/12/2013

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**